MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Numru 310/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Mike Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Mike Cauchi talli nhar it-22 ta' Dicembru, 2001, ghall-habta tad-9.40pm, fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, saq vettura numru IAW-962

(1) minghajr licenzja tas-sewqan mehtiega (recte: moghtija lilu) mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, u

(2) minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni rigward ir-riskji tat-terzi persuni; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita tordna li l-hati jigi sospiz milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' zmien li dik il-qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta’ Novembru,
2002 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni ta’ Stephen Mike Cauchi, sabet lill-istess Stephen Mike Cauchi hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm 25) (u dan b’applikazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kap. 9), kif ukoll skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi Stephen Mike Cauchi, minnu pprezentat fil-5 ta’ Dicembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum, ikkunsidrat:

L-aggravju tar-rikorrent hu, bazikament, fis-sens li t-tnaqqis fil-piena kontemplat fl-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali kellu japplika wkoll ghall-piena ta’ sena sospensjoni tal-licenzja tas-sewqa kontemplata fl-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104.

L-appellant m’ghandux ragun. Galadarba s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan mhix soggetta ghat-tlugh jew inzul bi gradi kif kontemplat fl-Artikoli 31 u 32 tal-Kap. 9, l-Artikolu 37 tal-istess Kap. 9 b’ebda mod ma jeffetwa il-piena tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan (bhalma ma jistax ukoll jeffetwa l-piena tal-konfiska).

Din il-Qorti tosserva wkoll li ma tara ebda “ragunijiet specjali”, kif mahsub fl-istess subartikolu (2A) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104, ghala din il-Qorti ghandha tvarja l-piena tas-sospensjoni kif komminata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu tas-sospensjoni jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

---------------------------------TMIEM---------------------------------